## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. EMANUEL MANGION (KI. 301262M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**31/01/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lill- Emanuel Mangion** **bin Paolo u Maria nee Cutajar . Imwieled. Zurrieq. 01/03/1962.**
**ID. 301262M** **Toqghod ; `Lotus`Flt.12, Triq Il-Kuncizzjoni, Zurrieq,**

**BILLI int akkuzat** talli fit-12 ta`Gunju 2022 ghall habta ta`bejn is- 1.55p.m. u s- 2.05p.m. ta wara nofinhar fi Triq San Kalcidonju, Floriana,

(1). Soqt vettura Nru.GBM389 minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan .(Sec.15(1)(a)(3) Chap.65).

(2). Soqt vettura Nru.GBM389 minghajr ma kont kopert b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.(Sec.3(1) Chap.104).

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 549 (affidavit), PC 1118 (affidavit), Stephen Cachia (Transport Malta – affidavit) u Kenneth Pace (Transport Malta – affidavit).

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Imputazzjoni numru wieħed (1)*

Jirriżulta mill-aħħar parti tal-affidavit ta' PC 1118 J. Bajada illi huwa personalment ra lill-imputat isuq il-vettura Renault Megane bin-numru ta' reġistrazzjoni GBM-389 fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi. Mill-affidavit ta' Kenneth Pace (Transport Malta) joħroġ illi dan kellu l-liċenzja tas-sewqan revokata bl-akkumulazzjoni tal-punti fis-7 ta' Marzu 2018. Madanakollu **ma' jirriżultax** illi qabel id-data tal-allegat reat dan kien jaf b'tali revoka (billi per eżempju titressaq prova illi l-imputat ġie personalment mgħarraf b'ittra ta' Transport Malta dwar ir-revoka) u lanqas illi dan raġjonevolment kellu jkun jaf biha (billi pereżempju titressaq prova illi l-imputat kien preżenti għal xi seduta quddiem il-Qorti jew il-Kummissarju għall-Ġustizzja li matulha jkun ġie ikkundannat xi punti penali, jew inkella prova illi l-imputat ħallas multa għal xi kontravvenzjoni illi kellha konness magħha ż-żieda ta' xi punti penali). Għalhekk l-ewwel (1) imputazzjoni ma' tirriżultax.

*Imputazzjoni numru tnejn (2)*

Kif ġa ngħad jirriżulta mill-provi illi l-imputat kien qed isuq il-vettura in kwistjoni fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi. Issa malli l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bit-tieni imputazzjoni (ossia' dik li kien saq mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni), qamet presunzjoni *iuris tantum* illi dan ma' kellux polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skond kif jitlob l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-presunzjoni naturalment tista' tixxejjen mill-imputat stess billi jippreżenta prova kontrarja illi turi illi filfatt kien kopert. Pero' b'differenza għall-ewwel imputazzjoni (u fil-verita' b'differenza għall-maġġoranza assoluta tal-każi fil-kamp penali), ai termini tal-Art. 3(2) tal-istess Kap. l-oneru jaqa' fuq l-imputat illi jipprova li huwa m'huwiex ħati tat-tieni imputazzjoni, xi ħaġa li huwa m'għarafx jagħmel fil-kors tal-proċeduri quddiem din il-Qorti:

> "3 (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)"

Għalhekk din it-tieni imputazzjoni tirriżulta ppruvata skond il-liġi.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni numru wieħed (1) peress illi ma' tirriżultax, issibu ħati tat-tieni imputazzjoni (Kap. 104,**

**Art. 3(1)) u tikkundannah jħallas multa ta' elfejn u erba' mitt euro (€ 2,400). B'żieda mal-piena l-Qorti tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax-il xahar (Kap. 104 Art. 3(2A)).**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |